**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Johann J Fenech)**

**vs**

**Omissis**

**Kumpilazzjoni numru 500/2017**

**Illum hmistax (15) ta' Lulju 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 135782 (M) ta' hamsa u tletin (35) sena, iben Ronald u Evelyn nee Debono, imwieled Pieta, Malta fl-ghoxrin (20) ta' Frar tal-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u residenti "Snowbirds Apartments", Flat 3, Triq i-Madaffa, Zabbar, Malta li gie akkuzat talli bejn Jannar u Gunju 2016 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bhala ufficcjal jew impjegat pubbliku jew kull persuna ohra li tkun qieghdha tagixxi, f'kapacita ufficcjali, xjentement infligga fuq il-persuna ta' Omissis (ID 159672M) ugiegh u tbatija gravi, sew fizika sew mentali, sabiex jikkastiga lil dik il-persuna ghal xi att li hi jew terza persuna tkun wettqet jew tkun suspettata li wettqet; jew sabiex ibezza lil dik il-persuna jew terza persuna jew iggieghel lil dik il-persuna jew terza persuna li taghmel, jew li tonqos li taghmel, xi att; jew ghal kull raguni li tkun ibbazata fuq diskriminazzjoni ta' liema xorta tkun;

2. Bhala persuna li kien jaf jew li kien messu jaf li l-istess Omissis hi anzjana jew adult indipendenti u li, taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawza offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel jew ippermetta li xi persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru, jew gab fuq dawk il-persuni ugiegh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement gieghel jew ippermetta li l-persuna jew is-sahha tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, jitqieghdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghhom tkun f'periklu car;

3. Bhala persuna li kien jaf jew li kien imissu jaf li l-istess Omissis hi anzjana jew adult indipendenti u li, taht cirkostanzi jew kondizzjonijiet, hlief dawk li x'aktarx ikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement gieghel jew ippermetta li xi persuna anzjana jew adult dipendenti jsofru, jew gab fuq

dawk il-persuni ugiegh fiziku jew tbatija mentali mhux gustifikabbli jew waqt li kellu l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement gieghel jew ippermetta li l-persuna jew is-sahha tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom hsara , jew xjentement gieghel jew ippermetta li l-persuna anzjana jew adult dipendenti jitqieghdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-sahha taghhom tkun fil-periklu.

Il-Qorti giet mitluba titratta mal-imputat bhala wiehed li sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) preseduta mill-Magistrat Dr. Anthony Vella LL.D, liema sentenza giet moghtija nhar is-sittax (16) ta' Frar 2011.

Fl-ahhar nett il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lil akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Generali (*a fol. 151)* datata 29 ta' Awwissu 2018 li permezz taghha baghat lill-imputat Omissis biex jigi ggudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

- L-Artikoli 17, 18 u 31 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 139A, 257A u 257C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- L-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi, waqt l-udjenza tat-tnax (12) ta' Novembru 2018 (*a fol. 155)* gew moqrija l-Artikoli mibghuta mill-Avukat Generali fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Awwissu 2018, fl-liema seduta l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti bi procedura sommarja.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda kollha imressqa mill-Prosekuzzjoni, ix-xhieda tal-imputat li minn jeddu ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda kif wkoll ix-xhieda imressqa mid-difiza;

Rat in-Nota ta' sottomissjonijiet tal-*parte civile* pprezentata fil-hamsa (5) ta' April 2019 (*a fol.* 244 *et seq*.) u n-nota ta' sottomissjonijiet tal-imputat Omissis pprezentata fl-ghaxra (10) ta' Mejju 2019 (*a fol.*248 *et seq*.).

**Ikkunsidrat:**

***<u>RIJASSUNT TAX-XHIEDA</u>***

**<u>L-Ispettur Johann J. Fenech</u>** (Fol. 14 *et seq*) xehed li fid-disgha (9) ta' Jannar 2017 gie nfurmat li kien sar rapport minn Omissis u Omissis ghan-nom tal-Agenzija Support, dwar allegat abbuz minn wiehed mill-impjegati tal-Agenzija li kien stazzjonat Hal Far Centre fil-konfront ta' Omissis, klijenta tac-Centru. L-impjegat in kwistjoni

kien Omissis. Omissis u Omissis spjegaw lill-Ispettur li l-istorja bdiet fit-tnejn (2) ta' Gunju 2016 meta shab Omissis irraportawh li kien qed jabbuza minn Omissis. Irraportaw li Omissis kien qieghed jaghmel blokok tas-sapun ma' halq il-vittma waqt li tkun agitata. F'okkazzjoni ohra waqt harga f'Ta' Qali kien hallieha apposta fix-xemx u ma hallihiex tiekol bhala forma ta' kastig. Inghad wkoll li ma kienx ihalliha tiekol l-ikel li kienu jgibulha l-qraba taghha u kien jiekol dan l-istess ikel quddiemha. Skont l-Ispettur, Borg qalet li dan l-abbuz dam ghaddej bejn Jannar u Gunju 2016. Mistoqsija ghalfejn halliet daqshekk biex taghmel dan ir-rapport, Borg wiegbet lill-Ispettur li kienu qeghdin jistennew parir minghand l-Ufficju tal-Avukat Generali.

L-Ispettur kellem wkoll diversi xhieda fuq il-kaz fosthom lil Omissis, li kkonfermatlu l-kazijiet ta' abbuz u li Omissis kien wiehed li jhobb jikkmanda u jintimida lin-nies. Spiteri semmiet kazijiet ohra ta' abbuz fejn Omissis kien jaghti pilloli lill-vittma meta kienet tkun agitata u anke kien joqghod johdilha l-videos waqt li tkun agitata. Darba ohra ratu jkisser stereo zghir taghha waqt li Omissis kienet qed idoqq xi diski ghax ma kinux joghgbuh u imbaghad qal quddiem il-familjari taghha li Omissis kienet kisritu. Semmiet wkoll okkazzjoni fejn waqt li kienet tkun agitata kien inehhilha s-siggu biex taqa' fl-art. Dan apparti abbuzi ohra: darba minnhom ghamlilha bicca injama biex ma tqumx minn fuq is-siggu, darba ohra mbuttaha ghal fuq is-siggu taghha u kien hemm okkazzjoni ohra fejn tefa' bott fid-direzzjoni taghha u ma laqatiex.

L-Ispettur kellem wkoll lil Omissisfejn din qalet li darba minnhom waqt li kienu harga fiz-Zurrieq, il-vittma bdiet thossha agitata u Omissis qabad u hadha f'nofs il-gnien u halliha ghax-xemx. Irrifjuta wkoll li jaghtiha l-ikel u Omissis uza l-flus taghha biex xtara l-ikel ghall-pazjent iehor. Ikkonfermat wkoll li kien hemm drabi fejn zammha fuq is-siggu b'bicca injama, ratu jpoggi blokok tas-sapun f'halq il-vittma u anke kissrilha l-istereo li kellha u wahhal f'Omissis li kienet kisritu hi. Qalet wkoll li ghamel habta jiekol l-isnacks taghha u anke jiffilmjaha bic-cellulari tieghu waqt li kienet tkun agitata. Dan kollu ikkonfermawh mal-Ispettur Angel Vella u Claudio Borg.

L-Ispettur baghat ghal Omissis. Omissis ghazel li ma jikkonsultax ma' avukat pero ma iffirmax l-istatement. Qal li kien ilu jahdem fic-centru ta' Hal-Far ghal dawk l-ahhar tliet (3) snin u li min jahdem hemm irid ikun imharreg sew peress li n-nies ghandhom kundizzjonijiet severi. Qal li hu xoghlu dejjem ghamlu sew. Sostna li Omissis kellha bzonn attenzjoni partikolari, gieli kienet tirrabbja ghalih u biex jikkontrollaha gieli ghamilha f'kantuniera biex jekk tqum ma taqax ghal rasha u twegga'. Ammetta wkoll li ma kienx ihalliha tohrog mill-kamra meta tkun agitata biex ma tweggax. Cahad li hu xi darbja ghajjat maghha jew uza tattici estremi jew inkella abbuza minnha jew ghamel l-affarijiet 'l ohra li kienu gew indikati lilu lill-Ispettur. Ammetta wkoll li kien juza injama biex ma jhallihiex teghleb u li din it-tattika kienet giet approvata minn Tania Muscat izda imbaghad Claudio Borg kien qallu biex ma jibqax juzaha. Fuq il-kaz ta' meta marru z-Zurrieq u hallieha fix-xemx u

ha l-flus taghha biex jixtri l-ikel ghal haddiehor, l-imputat wiegeb li kien zammilha sod dakinhar ghax il-vittma riedet tiekol hekk kif waslet izda hu ma kienx hallieha ghax kien ghadu kmieni ghall-ikel.

L-Ispettur saqsieh wkoll jekk kienx hemm xi hadd li ried jaghmillu l-hsara. Huwa wiegbu li missieru kien jokkupa pozizzjoni gholja f'dak ic-centru u li fiz-zmien li kien hemm missieru kien dixxiplinat hafna u qal li jista' jkun li dan kollu kien qed issir fil-konfront tieghu bi tpattija minhabba dak li kien ghamel missieru.

L-Ispettur temm jghid li huwa ha parir minghand l-Avukat Generali u ntavola l-akkuzi kontra l-imputat. L-Ispettur gharaf lill-imputat fl-awla u pprezenta wkoll is-sentenza moghtija mill-Magistrat Anthony Vella fil-konfront tal-imputat.

**<u>PS 816 Sean Vassallo</u>** (Fol. 24 *et seq*) xehed li fid-disgha (9) ta' Jannar 2017 waqt li kien fl-ghassa ta' Birzebbuga huwa rcieva rapport minghand Omissis u Omissis ghan-nom tal-Agenzija Support. Dan ir-rapport sar fil-konfront ta' Omissis. Huma rrapurtaw li Omissis kien qed jabbuza minn klijenta tal-Agenzija li kien jisimha Omissis. Indikaw lis-surgent li meta kienu johorgu l-pazjenti Omissis kien qieghed ihalliha fix-xemx, jiekol l-ikel taghha u meta din il-klijenta kienet tkun agitata huwa kien jaghmlilha sapuna ma' halqha. Is-surgent hejja rapport u ghaddieh lill-Ispettur Johann Fenech. Huwa gharaf wkoll lill-imptuat prezenti fl-awla. Ix-xhud qal wkoll li kien prezenti meta ittiehdet l-istqarrija ta' Omissis.

**Omissis** (Fol. 30 *et seq*) xehdet li hija d-direttur responsabbli mir-risorsi umani tal-Agenzija Support. Hi bdiet biex qalet li fl-ewwel (1) ta' Dicembru 2016 kienet giet infurmata b'dan ir-rapport u fil-bidu ta' Jannar 2017 marret l-Ghassa ta' Birzebbuga biex taghmel rapport formali fuq il-kaz flimkien mal-Manager Elaine Omissis. Spjegat li dan ir-rapport kien jikkoncerna agir abbusiv fil-konfront tal-klijenta Omissis li ghandha vicin il-hamsin (50) sena. Omissis hija persuna li ma titkellimx u li kellha challenging behaviour. Ir-rapport kien jikkoncerna lis-support worker Omissis li x-xhud gharfitu fl-awla. Qalet li dan kien stazzjonat f'unit 15 fejn kien hemm Omissis. Omissis kien jiehu hsieb lil Omissis flimkien ma' support workers ohra. Kompliet tghid li l-allegat abbuz kien sehh f'Jannar 2016 u dam ghaddej ghal numru ta' xhur.

**In kontro-ezami** x-xhud ikkonfermat li hija kienet spiccat involuta fil-kaz fuq struzzjonijiet tas-Segretarju Permanenti Mark Musu. Ikkonfermat li hija ma kinitx rat b'ghajnejja dawn l-allegati abbuzi u hija kienet ghamel ir-rapport fil-kwalita taghha ta' direttur tar-risorsi umani tal-Agenzija. Hija lanqas ma kienet parti mit-tim ta' investigattiv li kien investiga l-kaz.

**Omissis** (Fol. 35 *et seq*) xehdet li hija tahdem bhala support worker u li l-imputat hija kienet tafu ghaliex kien jahdem maghha fl-istess unit. Hija bdiet biex qalet li dahlet tahdem fl-2015 u ghamlet sena tahdem ma' Omissis, li gharfitu bhala l-imputat fl-Awla. Fl-2016 Omissis kien dahal mill-parental leave u kienet ratu mibdul. Spjegat li meta l-klijenta Omissis kienet qed tkun agitata huwa kien qieghed

jisfidaha u jidhol f'konfront maghha. Kien jigbdilha s-siggu minn tahta biex twegga'. Fil-hargiet ma kienx ikun irid jaghtiha tiekol. F'okkazzjoni minnhom meta kienu ta' Qali, l-klijenta kienet agitata hafna u hu ried ihalliha fix-xemx u kien dispost li ma jaghtihiex tiekol jekk ma tikkalmax. Semmiet wkoll okkazzjoni fejn darba minnhoma Omissis mbuttaha fuq is-siggu u qasmet in-naha ta' wara ta' rasha. Gieli wkoll kien jiekol quddiemha il-boroz li kienu jgibulha l-qraba taghha. Dan l-abbuz sar fl-ewwel erba' jew hames xhur tal-2016.

**<u>Omissis</u>**(Fol. 40 et seq) xehdet li hija tahdem bhala care worker f'Hal Far u tiehu hsieb persuni b'dizabbilita. Lill-imputat hija kienet tafu ghax kien jahdem fl-istess unit maghha. Spjegat li gieli kien hemm abbuz da parti tal-imputat fil-konfront ta' Omissis. Gieli ratu jdahhlilha s-sapuna f'halqha u kienet tipprova twaqqfu. Darba minnhom kissrilha r-radju li kellha. Darba ohra meta kienu z-Zurrieq bdiet tghajjat u tefaghha f'nofs il-grawnd u halliha hemm u taha kastig wkoll billi hallieha nofs ta' nhar bil-guh u ma xtralhiex ikel. Sostniet li qatt ma kienet ghamel rapport ghaliex lil Omissis kienu jwissuh biex ma jibqax sejjer b'dan l-atteggjament. Sa fl-ahhar pero sar rapport.

Ix-xhud semmiet wkoll okkazzjoni fejn waqt li kienu ta' Qali kien refa' l-wheelchair b' mod li dan gie jzomm fuq ir-roti ta' wara biss fi sforz sabiex ibezza' lil Omissis halli din ma tibqax tghajjat. Minn hemm imbaghad hi u sehbitha hadu lil Omissis f'idejhom u marru jdawruha biex tikkalma. Sostniet li hi u sehbitha Omissis kien

ghamlu patt biex kemm jista' jkun ma jehdux leave flimkien biex lil Omissis jehduha taht idejhom huma. Ix-xhud temmet ix-xhieda taghha billi ghamlet referenza ghall-incident iehor fejn Omissis kien imbotta lil Omissis u din habtet rasha ma' xifer tal-hajt u kellha anke bzonn il-punti.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 46 *et seq*) xehed li fl-2016 huwa kien stazzjonat f'Hal Far. Lill-imputat li huwa gharfu fl-awla kien jafu ghax kien support worker Hal Far. Omissis qal li kien hu li ghamel ir-rapport lil Head Office. Spjega li darba minnhom huwa kien ra lil Omissis marbuta b'T-Belt u li darba ohra kien sabha b'wiccha mal-hajt imdawra b'hafna injam u cushions biex skont Omissis hija ma taqax. Dawn l-incidenti saru fl-2016.

Mistoqsi kif kien wasal biex identifika lil Omissis, ix-xhud wiegeb li Omissis u Omissis, li kienu jahdmu fl-istess unit kienu indikaw li Omissis kien responsabbli ghal dak li sab. Ix-xhud pero ma kienx ikkonfronta dirett lill-imputat jekk il-belt kienx ghamlu hu jew le. Ir-rapport li kien ghamel ix-xhud kien ghamlu fir-rigward tat-tlett haddiema f'dik il-unit.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 50 *et seq*) xehdet li f'Jannar 2017 hija kienet marret taghmel rapport l-ghassa flimkien ma' Omissis. Spjegat li kien dahal rapport li kien ghaddej abbuz f'wiehed mic-Centri tal-Agenzija. Gie imwaqqaf bord ta' investigazzjoni li hija kienet tifforma parti minnu. Saret investigazzjoni u r-rapport ghadda ghand is-CEO u mbaghad inghataw parir biex isir rapport l-ghassa.

Kompliet tghid li dan l-abbuz kien beda f'Jannar 2016 u sar fuq numru ta' xhur u kien sar fuq wahda mill-klijenti Omissis minn Omissis li x-xhud gharfitu bhala l-imputat fl-awla.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud qalet li gie suggerit lilha biex isir rapport lill-pulizija mis-superjur taghha Omissis.

Fis-seduta tat-tmintax (18) ta' April 2018 **<u>Elaine Omissis</u>** pprezentat kopja tar-rapport dwar l-attitudni ta' Omissis.

**<u>Dr Jean Pierre Giorgio</u>** (Fol. 57 *et seq*) xehed li Omissis ilha pazjenta tieghu ghal dawn l-ahhar disa' snin. Sar jafha ghaliex hija qieghda f'supported placement mal-Agenzija Support. Hi kienet taht kura psikjatrika u kien ha over hu peress li jispecjalizza f'nies li jkollhom dizabbilita intelletwali.

Spjega li Omissis tbaghti minn dizabbilita intelletwali severa, hija dipendenti hafna fuq il-carers taghha ghall-bzonnijiet ta' kuljum u hija difficli biex tikkomunika maghha u jkollha mumenti ta' challenging behaviour minhabba dwejjaq u frustrazzjoni. Spjega li hija tiffunzjona bhal tifla ta' sitt snin u mhix kapaci zzomm konversazzjoni.

**<u>Omissis</u>** (Fol 60 et seq) xehdet li lill-imputat Omissis hija kienet tafu. Hu kien stazzjonat f'unit partikolari fejn wahda mill-klijenti kienet Omissis. Din kellha bzonn attenzjoni partikolari. Omissis kellha

challenging behaviour. Ma kinitx tikkomunika u kien ikollha certu frustazzjonijiet. L-unici rapporti li kellha kien dwar telefonati li kien jaghmel Omissis lill-missieru, fl-liema telefonati Omissis kien qieghed jghaddi informazzjoni dwar dak li kien qieghed isir fic-Centru ta' Hal-Far. Ix-xhud kompliet tghid li hija ma kienet investigat xejn mill-allegazzjonijiet li kienu saru peress li hija kienet lahqet telqet mic-Centru.

__In kontro-ezami__ ix-xhud indikat li darba minnhom l-imputat kien ghamel rapport dwar membru tal-istaff li kien qieghed jixrob l-alkohol waqt il-hin tax-xoghol. Indikat ukoll li r-rapport li kien sar rigward it-telefonati kien sar fiz-zmien li kienet sejjer jigi ffirmat il-kuntratt ta' tigdid. Il-kwistjoni dwar l-allegat abbuz qamet wara.

__Tania Muscat__ (Fol. 66 *et seq)* xehdet li f'Gunju 2016 saret taf b'certu allegazzjonijiet li kienu ghamlu s-support workers Omissisu Omissis fil-konfront ta' Omissis. Spjegat li Omissis kien assenjat f'Unit 15. Hu kien parti minn team ta' tlieta minn nies li kienu jiehdu hsieb il-pazjenti f'dak il-unit. Mistoqsija b'referenza ghar-rapporti li kienu saru, ix-xhud wiegbet li kien hemm rapporti li Omissis hedded lill-klijenta b'sapuna, kien waddab affarijiet fid-direzzjoni taghhha, kien halliha bil-guh waqt harga u darba ohra ried li jaqleb il-wheel chair taghha. Kien hemm anke allegazzjonijiet li huwa kien ghamel hsara fi propjeta tac-centru precizament fuq locker u railings u anke kisser radju tal-klijenta. Spjegat li din kienet informazzjoni li ghaddielha haddiehor u li hija ma kienet rat xejn.

**In kontro-ezami** x-xhud wiegbet li l-persuni li kien ghamlu r-rapporti gieli saru rapporti fil-konfront taghhom mill-imputat ghaliex ma kinux jaqblu fuq attivitajiet li huma kienu jkunu jridu jaghmlu. Ix-xhud temmet tghid li l-imputat ma kienx responsabbli minn Omissis izda kien responsabbli mill-klijenti kollha li kien hemm f'dak il-unit.

**Christen Baldacchino** (Fol. 70 *et seq*) xehed bil-lingwa Ingliza.[1] Qal li fl-2016 huwa kien manager tad-Day Centers ghall-Agenzija Support. Lill-imputat kien jafu ghaliex kien wiehed mis-support workers li kien jahdem f'Unit 15 f'Hal Far. Fit-tnejn (2) ta' Gunju 2016 kien gie infurmat minn Omissis li zewg support workers tal-unit kienu ghamlu rapport fil-konfront ta' Omissis. Huwa kien taha struzzjonijiet biex tali rapport isir bil-miktub u kif ircevieh huwa ghaddieh direttament lil Omissis. Minn hemm bdiet investigazzjoni u Omissis kien gie trasferit mill-unit fejn kien jahdem biex jinqata' l-kuntatt tieghu minn mal-klijent. Ir-rapporti kienu jikkoncernaw abbuz li kien sar u nuqqas ta' kura fil-konfront tal-vittma fosthom li naqas li jaghti jixrob lill-persuna fir-responsabbilita tieghu, kontroll tal-vittma li ma kienx approprjat u anke uzu ta' sapuna biex tigi kontrollata l-persuna.

Baldacchino rega' xehed fis-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2018 (Fol. 156 *et seq*) fejn huwa ikkonferma email li huwa kien baghat lil Omissis fil-wiehed u ghoxrin (21) ta' Gunju 2016. Din l-email kienet

[1] Din ix-xhieda giet tradotta ghal Malti minn Dr Marisa Mifsud (Fol. 77 et seq).

tikkoncerna rapporti li kienu saru rigward l-atteggjament tal-imputat Omissis fil-konfront tal-klijenta Omissis.

**Omissis** (Fol. 122 *et seq*) xehdet li hija kienet tahdem bhala support executive fic-Centru ta' Hal Far. Omissisu Omissiskienu nfurmawha b'allegazzjonijiet dwar l-imputat Omissis. Hija kienet giet infurmata li Omissis kien dahhal sapuna f'halq Omissis, ta daqqa ta' ponn fuq locker u kisser anke CD player. Kien imexxi lil Omissis minn ghonqha. Kien hemm wkoll allegazzjoni li Omissis kien qieghed jiehu xi videos. Ix-xhud ammettiet li dawn l-affarijiet kien qalilha bihom haddiehor u hija l-unika haga li kienet innutat kienet bidla fl-atteggjament tal-imputat. Hi kienet ippruvat li tibaghtu ghall-ghajnuna ghand psychologist. Pero' hu kien irrifjuta.

B'referenza ghal Omissis, ix-xhud ikkonfermat li din il-klijenta kellha imgieba daqsxejn difficli sforz id-dizabbilita taghha u kienet taghmel uzu minn wheelchair.

**In kontro-ezami** x-xhud indikat li l-imputat kien biddel l-atteggjament tieghu ghaliex Omissis kienet qed tkun pjuttost difficli. B'referenza ghax-xoghol li kienet taghmel fic-Centru ta' Hal Far, hija spjegat li xogholha kien li torganizza l-programmi ghall-klijenti.

**Omissis** (Fol. 126 et seq) xehed li lill-imputat Omissis kien jafu ghaliex kien impjegat tal-Agenzija Support u kien stazzjonat Hal Far. Spjega li hekk kif dahal ir-rapport kien twaqqaf bord ta' inkjesta. Hu ma kienx jifforma parti minn dan il-bord ta' inkjesta.

Wara li hareg ir-rapport ta' dan il-Bord, huwa kien baghtu l-ufficju tal-Avukat Generali biex jinghataw parir legali dwar kif kellhom jimxu bhala Agenzija in segwitu ghal dan ir-rapport. Ix-xhud kompla jghid li huwa kien baghat ghall-imputat biex jinfurmah bl-investigazzjoni li kienet sejra issir pero' ma kienx saqsieh mistoqsijiet dwar l-allegazzjonijiet li kienu qeghdin isiru.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 135 *et seq*) xehdet li hija kienet ic-chairman tal-bord ta' investigazzjoni li nvestiga lis-Sur Omissis. Hija ikkonfermat ir-rapport li kien gie redatt mill-Bord u spjegat li l-allegazzjonijiet li kienu saru fil-konfront tas-Sur Omissis kienu rrizultaw mill-indagni li ghamel il-bord. Ix-xhud ikkonfermat il-firem taghha fuq ir-rapport.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud indikat lill-persuni kollha li kienu gew mitkellma b'rabta mal-investigazzjoni li kienet saret.

**<u>Omissis</u>** (Fol 137) xehed li huwa kien il-membru tal-Bord li investiga l-allegazzjonijiet fil-konfront ta' Omissis. Huwa kkonferma l-kontenut tar-rapport u gharaf il-firma tieghu fuq l-istess rapport.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 143 *et seq*) xehdet li hija tahdem bhala carer fic-Centru ta' Hal Far. Hi spjegat li qatt ma kienet osservat xejn fil-konfront tal-imputat. Ix-xhud qalet li hija ma kintix tahdem fl-istess unit mal-imputat. Kienet tmur biss meta kien ikun hemm bzonn. Omissis kienet f'Unit 15 u cioe l-istess unit fejn kien jahdem Omissis.

Kompliet tghid li Omissis dejjem kienet issemmi u tisaqsi ghal Omissis.

**<u>Omissis</u>** (Fol. 146 *et seq*) xehdet li lill-imputat hija kienet tafu. Lil Omissis kienet tafha wkoll. Din gieli kienet tkun burdata tajba u gieli le. Fil-unit maghha kien ikun hemm l-imputat u tnejn min-nies ohra precizament Omissis u Omissis. Spjegat li Omissis kien igib ruhu b'mod normali u ma ftakritx rigward rapporti li kienu jikkoncernaw lill-imputat. **<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud qalet li ma' Omissis hija kienet tahdem one-to-one.

Fis-seduta tat-tnax (12) ta' Novembru 2018, Omissis regghet xehdet fejn hija kkonfermat ix-xhieda li kienet tat quddiem il-bord tal-investigazzjoni.

**<u>L-imputat Omissis</u>** ghazel li jaghti x-xhieda tieghu (Fol. 161 *et seq*) f'dawn il-proceduri. Beda biex qal li huwa kien jahdem bhala support worker f'Hal Far. Spjega li huwa kien jahdem f'Unit 15 u f'dan il-unit kien hemm tliet support workers. Fil-unit kien hemm b'kollox seba' klijenti u Omissis kienet wahda mill-klijenti. It-tlett haddiema tal-unit kienu responsabbli minn Omissis. F'punt minnhom huwa gie infurmat li kien sejjer jigi trasferit u wara imbaghad gie imsejjah biex imur l-Head Office u nfurmawh li kien hemm xi allegazzjonijiet fuqu.

Ix-xhud kompla jghid li hu kien ikun il-bicca l-kbira ma' Omissis ghax hi kienet taghzel lilu. Hi kienet tkun tridu dejjem fejnha u din

kienet tkun stressanti ghalih. Omissis kellha eating disorder. Spjega li lil Omissis ma setghux ihalluha dahra mal-hajt ghaliex kienet taghti b'rasha mal-hajt u taqsam rasha. Sostna wkoll li Omissis kienet taghmel ghalih.

Minhabba li Omissis kienet self-harming u anke gieli aggrediet lill-membri tal-istaff, kienet intalbet l-ghajnuna tal-Kap Tania Muscat. Mal-familjari ta' Omissis huwa kien jiltaqa' kuljum ghaliex kienu jigu jaghtuha tiekol kuljum.

B'riferenza ghall-injama l-imputat spjega li din kienet saret fuq in-naha ta' wara tal-wheelchair biex il-wheelchair ma jkunx jista' jinqaleb lura u injama ohra fuq quddiem biex hija ma tkunx tista' tqum. Sostna li din l-injama saret bil-kunsens tal-head. Meta l-pazjenta kienet tkun aggressiva, l-ufficju tac-Centru kien ta direttiva biex lill-klijenta ma jehduhiex tixtri ikel.

L-imputat qal wkoll li huwa kien anke irraporta lil support workers li kienu anke wettqu abbuzi fuq Omissis. B'riferenza ghal Omissis u Omissis, ix-xhud kien indika li dawn kienu wrewh cinturin biex jkunu jistghu jorbtu lil Omissis. Dan ic-cintorin kienu ghamluh huma. Hu kien qalilhom li ma setghux jorbtuha u kien anke informa lil Claudio l-koordinatur dwar dan. Sostna wkoll li fil-presenza tieghu dan ic-cintorin qatt ma intuza. Pero' darba kien sab lil Omissis marbuta. Irrefera wkoll li s-siggu kien intrabat mal-hajt biex il-pazjenta ma tigrix bis-siggu. Ix-xhud temm jghid li hu kien

irraporta hafna nies lill-Kap. Dawn ir-rapporti kienu saru jafuhom shabu u ghalhekk kien qieghed ikollu hafna hars bl-ikrah.

**<u>In kontro-ezami</u>**, ix-xhud gie mistoqsi jekk kinux ittiehdu passi kontra terzi ghar-rapporti li kienu saru minnu u huwa wiegeb fin-negattiv. Mistoqsi ghalfejn il-Bord iddecieda li ghandu jiehu passi fil-konfront tieghu, ix-xhud wiegeb li ma setax jifhem ghala.

Ma' Omissis kienu jkunu tlett (3) support workers. Gieli shabu kienu jitilqu u kien jispicca wahdu maghha. Meta ma kienx jikkontrollaha kien jkollu jghajjat ghall-ghajnuna. Ammetta li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn Omissis wegghet waqt li kienet fil-kustodja tieghu. Darba minnhom wehlitilha saqajha mas-siggu u waqghet ghal wiccha u darba ohra bdiet taghti b'lura u qasmet rasha.

Meta kienet tkun *disturbed*, huwa kien jipprova jaljenaha billi jghidilha li kienu se jmorru jixtru jew inkella billi joqoghdu jisimghu l-muzika. Mistoqsi jekk kienx poggielha s-sapun f'halqha, l-imputat cahad li kien ghamel dan. Cahad wkoll li kien halla lil Omissis fix-xemx meta kienu ta' Qali u li ma kienx hallieha tiekol bhala kastig. Huwa cahad dan u qal li kieku hallieha fix-xemx kienet tinharaq. Ma kienx xtralha ikel ghaliex il-cafeteria kienet ghadha maghluqa. Cahad wkoll li kien jiekol l-ikel li kienu jgibulha l-qraba taghha.

Insista li l-injam li kien semma li tintuza fil-wheelchair kien tintuza bhala puntal biex ma taqax u mhux biex ma jhallihiex tqum. Din l-

injama ma baqghetx tintuza wara li kienet tbiddlet il-procedura. Is-siggu tar-roti huwa gieli rabtu biex il-pazjenta ma titkaxkarx bih 'l quddiem. L-imputat ammetta wkoll li gieli gholla lehnu ma' Omissis ghax kienet normali li tohroglu hekk.

L-imputat cahad wkoll li waqt harga fiz-Zurrieq huwa ma kienx halla lil Omissis tixtri x'tiekol. Cahad wkoll li huwa kien tefa' xi flixkun fid-direzzjoni ta' Omissis, laqat frame u li dan waqa' fuqha. Anzi qal li l-frame kienet waqqatghu Omissis stess. Huwa temm jghid li qatt ma haqar lil Omissis u li l-griehi li kienet soffriet Omissis kollha kienu graw minghajr involviment tieghu.

**<u>Brian Ellul</u>** (Fol. 212 *et seq*) xehed li hu support worker li jahdem Hal Far bhala reliever u cioe jmur fejn ikun hemm bzonn. Lill-imputat kien jafu ghax kien ilu jahdem mieghu xi tlett snin. Lil Omissis kien jafha wkoll ghax hija klijenta tal-Agenzija. Din ghandha kundizzjoni ta' challenging behaviour u wiehed irid joqghoq maghha one to one jew two to one. Ix-xhud sostna li l-imputat qatt ma kien aggressiv ma' Omissis u li kieku kien aggressiv huwa kien ikun l-ewwel wiehed li jirraportah. Temm jghid li wara li l-imputat inghata t-transfer ma' Omissis kienu qeghdin jkunu two to one.

**<u>Imperia Avellino</u>** (Fol. 218 *et seq*) xehdet li lill-imputat hija kienet tafu ghaliex kienet tahdem mieghu f'Hal Far. Lil Omissis kienet tafha wkoll ghaliex kienet fl-istess unit maghha. Kien ikun hemm tlieta min-nies jassistu lil Omissis peress li hija ghandha bzonn hafna ghajnuna. Ix-xhud kompliet tghid li hija qatt ma rat lill-imputat

aggressiv fil-konfront ta' din Omissis. Dan minkejja li Omissis kienet tkun l-hin kollu aggressiva. Kienet anke terfa' idejha fuq il-haddiema. Infatti lilha kienet wegghetha darbtejn u kienet anke spiccat *boarded out*. Sostniet li meta hi u l-imputat kienu jiehdu hsieb lil Omissis, huma kienu jaghmlu minn kollox ghaliha: juruwha t-televizjoni, johorguha u anke jaghmlulha d-diski tal-banda. Rigward l-ikel, il-policy kienet li kullhadd immur fid-dining room. Imma Omissis kien jigi jitmaghha missierha.

**<u>Rita Farrugia</u>** (Fol. 225 *et seq*) xehdet li hija tahdem fic-Centru ta' Hal Far bhala care worker. Lill-imputat kienet tafu ghax jahdem fic-Centru ta' Hal Far filwaqt li lil Omissis kienet tafha ghaliex klijenta tac-centru. Spjegat li Omissis hija bniedma b'dizabbilita intelletwali severa. Infatti ghamlu zmien kienu jkunu one-to-one maghha. Eventwalment minhabba c-challenging behaviour taghha, inhass il-bzonn li jkunu aktar minn care worker wiehed maghha. Lill-imputat hija kienet tafu bhala bniedem tal-affari tieghu li dejjem hadem b'mod professjonali.

**<u>Ronald Omissis</u>** (Fol. 229 *et seq*) xehed li huwa kien il-Kap tac-Centru ta' Hal Far. Spjega li meta hu beda jmexxi dan ic-centru kien hemm laxkezza kbira u l-ebda interess fil-persuni b'dizabbilita. Hu spjega li kien ha azzjoni diretta biex jinqatghu l-abbuzi li kien hemm. Bhala impjegati li kien avvicina minhabba l-attegjament taghhom, ix-xhud indika lil Omissis. Hu kien kellimha ghax kienet raffa mal-klijenti tac-centru. Infatti omm Omissis kienet anke kellmitu biex Omissis ma tkunx ma' Omissis.

B'referenza ghal Omissis, ix-xhud indika li din kienet tkun aggressiva hafna. Jekk wiehed ma kienx jaghtiha dak li trid, kienet tipprova tqum biex timxi u tispicca taqa'. Kien hemm diversi incidenti fejn Omissis kienet wegghet. Kien hemm anke drabi fejn wegghet lill-haddiema.

Indika li ibnu kemm -il darba kien icempillu u jghidlu li l-haddiema kienu hallewh wahdu fil-unit u hu kien dejjem jindikalu biex jirreferi lis-superjuri tieghu. Il-kwistjoni kompliet teskala ghaliex il-kap tac-Centru ma kienx qieghed jaghti kaz ta' dawn ir-rapporti sakemm imbaghad dahal ix-xhud u gibed l-attenzjoni ghar-rapporti li kienu qeghdin isiru. Ix-xhud kompla jghid li ibnu beda jlaqqat hafna hars ikrah. Il-problemi komplew kibru wkoll ghaliex lill-imputat poggewh responsabbli mis-sigurta tal-post. Insista wkoll li l-imputat kien qed igerger mieghu li z-zewg support workers fil-unit mieghu kienu aktar qeghdin jaghmlu crafts milli jduru bil-klijenti li kellhom maghhom.

**<u>In kontro-ezami</u>** x-xhud wiegeb li kien ilu li telaq mic-centru bejn erba' snin u nofs u hames snin. L-ahhar li kien hemm kien fl-2015. Ikkonferma wkoll li ibnu beda jahdem fic-Centru wara li kien telaq hu. Ikkonferma li Omissis kienet tkun aggressiva minhabba d-dizabbilita taghha. Qal wkoll li meta kien hemm hu, kien ikollu rapporti fuq l-imgieba tal-haddiema ma' din Omissis. Qal li hu ma kien ikollu l-ebda problema biex jiehu azzjoni fil-konfront tal-haddiema pero' kien jinzamm minn ta' fuqu biex ma jkunx drastiku fl-azzjonijiet tieghu.

**Ikkunsidrat:**

Kuntrarjament ghall-kamp civili fejn min iressaq pretensjoni ikun irid jipprova tali pretensjoni fuq bilanc ta' probabiltajiet, il-livell ta' prova fil-kamp kriminali huwa wiehed pjuttost oneruz fuq il-Prosekuzzjoni. Il-Prosekuzzjoni ghandha l-obbligu li hija tressaq l-ahjar prova biex tikkonvinci lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputat jew imputati huma veri. Dan ghaliex kif jghid il-**Manzini** fil-ktieb tieghu **Diritto Penale** (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890): *"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".*

Kif kellha l-opportunita` tiddikjara din il-Qorti kif preseduta fi pronuncjamenti precedenti, sabiex imputat jigi ddikjarat hati, l-imputazzjoni dedotta ghandha tigi pruvata *oltre* kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Philip Zammit et** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 il-Qorti taghmilha car li mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex l-imputat jigi ddikjarat liberat, hemm bzonn li "*dubju jkun dak dettat mir-raguni*". F' sentenza ohra moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il-Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih

hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn **Lord Denning** fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "*proof beyond a reasonable doubt*":

> *"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Il-fatti li jista' jkun hemm kunflitt fil-provi m'ghandux a priori jeskludi sejbien ta' htija ghall-akkuzi li jkunu gew dedotti. Kif inghad fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deciza fid-19 ta' Mejju 1997: "*It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one*". F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' Settembru 2002 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark**

**Ciappara:** jew il-Gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timpronta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghall-piena jew ghal xi provvediment iehor.

L-istess linja ta' hsieb giet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja. Fil-kawza* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 t' Ottubru 2006)."*[2]

[2] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza

Maghmulin dawn l-esposizzjonijiet generali li huma ta' rilevanza ghal kull kaz, izda b'mod partikolari ghall-kaz odjern, il-Qorti sejra issa tghaddi biex tevalwa r-reati li bihom qieghed jigi akkuzat l-imputat u jekk tali akkuzi irrizultawx ippruvati.

**Ikkunsidrat:**

Minn ezami tal-atti processwali, din il-Qorti hija rinfaccjata fuq naha mill-verzjonijiet li taw ix-xhieda okulari Omissisu Omissisu fuq in-naha l-ohra mix-xhieda moghtija mill-imputat. Il-verzjonijiet prezentati huma dijametrikament opposti: Spiteri u Baldacchino indikaw l-abbuzi li kienu sehhew da parti tal-imputat fil-konfront tal-pazjenta/klijenta tac-Centru Omissis u min-naha 'l ohra hemm ic-cahda tal-imputat. Ix-xhieda 'l ohra kollha li xehdu f'dawn il-proceduri ftit li xejn jistghu jkunu ta' ghajnuna sabiex il-Qorti tislet xi informazzjoni mid-deposizzjoni taghhom rigward l-incidenti li setghu sehhew peress li fil-bicca l-kbira taghhom dawn ix-xhieda kienu sempliciment qeghdin jirraportaw dak li kien qalilhom haddiehor u ghalhekk ix-xhieda taghhom hija biss *"detto del detto"* u ghalhekk inamissibbli.

Bhala parentezi din il-Qorti tissottolinea li hija mhix se tiehu in kunsiderazzjoni l-istqarrija li ta l-imputat stante li din l-istqarrija

fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

ittiehdet minghajr mal-imputat ma kien inghata l-possibilita li huwa jkollu avukat tal-fiducja tieghu prezenti ghall-istess stqarrija. Dan ghaliex dan id-dritt ma kienx viġenti fiż-żmien tal-każ odjern. Fil-fatt dan id-dritt daħal fis-seħħ fit-28 ta' Novembru 2016, permezz tal-Avviż Legali 401 tal-2016. In vista tad-diversi pronuncjament guridici tal-Qrati taghna, l-istqarrija moghtija mill-imputat ghandha titqies li hija leziva tad-drittijiet tieghu u ghalhekk inammissibbli u ghalhekk din il-Qorti sejra tiskara tali stqarrija kif wkoll kwalunkwe riferenza ghall-istess stqarrija li saret fl-atti processwali.[3]

Mill-atti mhux kontestat li:

(a) l-imputat kien impjegat tal-Agenzija Support, li hija entita' pubblika u ghalhekk l-imputat kien ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi impjegat pubbliku. Infatti meta qam il-kaz u sar ir-rapport tal-Bord ta' Inkjesta nominat mill-Agenzija, tali rapport kien gie mghoddi lis-Segretarju Permanenti li fuq suggeriment tieghu kien wkoll sar kuntatt mal-Avukat Generali biex l-Agenzija tinghata direzzjoni dwar kiof kellha timxi f'dan il-kaz.[4] Li kieku Omissis ma kienx impjegat pubbliku ma' Agenzija governattiva, la kien jidhol is-Segretarju Permanenti u wisq anqas l-Avukat Generali fil-kaz;

[3] Ara sentenza ta' din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet Il-Pulizija vs Susan Bugeja deciza fl-erbgha (4) ta' Gunju 2019.
[4] Ara xhieda ta' Mauro Farrugia, fol. 127

(b) bhala support worker tal-Agenzija, Omissis kien fl-obbligu li jiehu hsieb il-pazjenti / klijenti li kien hemm f'Unit 15, il-Unit fejn kien assenjat u fl-liema unit kien hemm wkoll Omissis. Dan flimkien mas-support workers 'l ohra li kienu assenjati fl-istess unti. Huwa ghalhekk flimkien mas-support workers ohra kellu l-obbligu li huwa jiehu hsieb lill-istess pazjenti / klijenti li kienu taht ir-responsabbilita tieghu;

Il-Qorti trid issa tqis liema miz-zewg verzjonijiet moghtija hija dik kredibbli sabiex tasal ghall-gudizzju taghha. Il-Qorti fliet metikolozament ix-xhieda moghtija minn Omissisu Omissis f'dawn il-proceduri kif wkoll qablet id-depozizzjoni ta' Omissis u Omissis ma' dak li kien xehdu quddiem il-Bord tal-Inkjesta Intern. Fliet wkoll metikolazament ix-xhieda tal-imputat li huwa ta quddiem din il-Qorti u ghalhekk din il-Qorti kellha wkoll l-okkazzjoni li tosserva l-komporatament tal-imputat fuq il-pedana tax-xhieda.

Wara li qieset ic-cirkustanzi u l-fatturi kollha tal-kaz, il-Qorti tasal sabiex tattribwixxi kredibbilita lill-verzjoni moghtija minn Omissisu Omissis. Ix-xhieda taghhom kienet wahda konsistenti, dettaljata u z-zewg xhieda specifikaw dak li effettivament kienu raw. B'mod partikolari iz-zewg xhieda irrifirew ghall-incidenti identici li kienu sehhew, fosthom:

(a) incident fejn l-imputat dahhal sapuna tal-hasil f'halq Omissis;

(b) f'okkazzjoni oħra għibed is-siggu minn taħt l-pazjenta biex hija taqa' fl-art;

(c) kien hemm okkazzjonijiet oħra fejn waqt ħargiet barra miċ-Ċentru l-imputat ħalla lil Omissis fix-xemx u rrifjuta li jagħtiha tiekol u ħallieha bil-ġuħ.  Saħansitra wkoll kien hemm drabi fejn użu flus tagħha biex xtara ikel għall-pazjent ieħor;

(d) kiel l-ikel li kienu jħallulha l-qraba tagħha u dan huwa kien jagħmlu fil-preżenza tal-klijenta stess;

(e) kissrilha r-radju li kellha li hija kienet tużah sabiex tisma' l-marċi li kienu għal qalbha ħafna;

(f) f'okkazzjoni oħra qaleb il-wheelchair ta' Omissis fuq iż-żewġ roti ta' wara biex ibeżżagħha;

(g) f'okkazzjoni oħra għamlilha injama biex il-pazjenta ma tqumx mill-wheelchair;

(h) f'każ ieħor l-imputat imbotta l-wheelchair ta' Omissis u din spiċċat ħabtet rasha mal-ħajt u qasmitha u kellha bżonn xi punti.

Minn dak li ddeponew dawn ix-xhieda, il-Qorti hija konvinta li dawn l-inċidenti verament seħħew.  Il-kredibbilità ta' dak li qalu dawn iż-żewġ xhieda tkompli tissaħħaħ wkoll bil-patt li huma

ghamlu bejniethom biex kemm jista' jkun ma jehdux leave flimkien halli lil Omissis kemm jista' jkun ma tkunx wehidha mal-imputat u dejjem ikun hemm xi hadd minnhom li jzomm ghajnejh fuqha. Apparti minn hekk fejn sehhew incidenti li huma ma kinux prezenti ghalihom, ix-xhieda indikaw li huma ma kinux prezenti ghal dak l-incident jew incideni. Il-Qorti tislet ezempju ta' dan minn dak li qalet ix-xhud Omissis. Fix-xhieda taghha Omissis ghalkemm stqarret li kien hemm zewg okkazzjonijiet fejn l-Omissis kienet qasmet rasha waqt li kienet ic-Centru, hija specifikat li hija kienet rat incident wiehed biss isehh. Sostniet li dan l-incident kien gie preciptat direttament mill-imputat. Dan kollu wkoll jikkonferma l-precizjoni li biha xehdu dawn ix-xhieda u li dawn ma kellhom l-ebda mottivi ulterjuri biex jattribwixxu lill-imputat fatti li ma kinux sehhew.

Huwa minnu li Omissis setghet kellha challenging behaviour u seta' kien difficli biex wiehed jiehu hsieb taghha. Pero' difficcli kemm kien difficli li wiehed jimxi ma' din il-pazjenta, dan fl-ebda hin ma kien jintitola lill-imputat li jimxi bil-mod ta' kif mexa mal-klijenta. Hi kien jisthoqqilha kull rispett bhala bniedem u jekk l-imputat ma kienx aktar jiflah ghall-atteggjament taghha kien obbligat li huwa jitlob li jigi trasferit ghal unit iehor. Kif hareg mill-atti processwali u kif anke xehed missier l-imputat Omissis, l-imputat suppost kien konxju u tghallem sa minn eta zghira li l-persuni bi bzonnijiet specjali kien jisthoqqilhom kull rispett bhal kull persuna ohra. Sfortunatament pero' dak li tghallem l-imputat ma jidhirx li poggieh fil-prattika meta gie ghas-*si u n-no*.

Għalkemm l-imputat fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti jgħid li r-rapporti saru bi tpattija għal xi azzjonijiet li seta' għamel hu, il-Qorti mhix konvinta minn tali allegazzjoni tal-imputat. Irrizulta li kemm Omissiskif ukoll Omissis ma kinux għamlu rapport mill-ewwel dwar l-abbuzi li kienu qegħdin isiru quddiem għajnejhom mill-imputat. Anzi kienu avvicinawh u ppruvaw ikellmuh biex jigbdulu l-attenzjoni li ma kienx qiegħed jimxi sew u dan anke fi sforz sabiex huwa ma jitlifx xogħolu. L-imputat pero' ma tax kaz. Kien meta l-imputat kompla għaddej b' dan l-atteggjament tiegħu fil-konfront ta' Omissis li huma ressqu r-rapport lis-superjuri tagħhom. Dan huwa korraborat mill-fatt li r-rapport fuq il-kaz tressaq biss ftit granet qabel il-wieħed u għoxrin (21) ta' Gunju 2016 kif tikkonferma l-email ta' Kristen Baldacchino.[5] Dan meta l-abbuz kien ilu sejjer sa mill-anqas Jannar 2016 u cioe kwazi sitt (6) xhur qabel. Li kieku verament dawn ix-xhieda kellhom għall-imputat kif isostni hu, dawn kienu jagħmlu r-rapport f'Jannar hekk kif seħħ l-ewwel kaz ta' abbuz!!

Apparti minn hekk irrizulta wkoll li minkejja li fiz-zmien li twettaq dan l-abbuz, Omissis kien imissu li jiggedded il-kuntratt tax-xogħol tiegħu, ir-rapporti in kwistjoni daħlu wara li kien gie rinovat il-kuntratt tax-xogħol. Din il-Qorti tqis li kieku kien hemm motivazzjonijiet ulterjuri wara dawn ir-rapporti tali rapporti kienu jsiru qabel ma kellu jerga' jigi mgedded il-kuntratt.

[5] Fol. 134A

- **<u>L-Akkuzi fin-Nota ta' Rinviju ta' Gudizzju tal-Avukat Generali</u>**

**A. <u>L-Artikolu 139A tal-Kap. 9</u>**

Dan l-artikolu jistabilixxi li:

*"Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku jew kull persuna oħra li tkun qegħda taġixxi f'kapaċità uffiċjali li xjentement tinfliġġi fuq persuna uġiegħ jew tbatija gravi, sew fiżika sew mentali -*

*(a) sabiex tikseb mingħand dik il-persuna jew mingħand terza persuna xi tagħrif jew stqarrija; jew*

*(b) sabiex tikkastiga lil dik il-persuna għal xi att li hi jew terza persuna tkun wettqet jew tkun suspettata li wettqet; jew*

*(c) sabiex tbeżża' lil dik il-persuna jew terza persuna jew iġġiegħel lil dik il-persuna jew terza persuna li tagħmel, jew li tonqos li tagħmel, xi att; jew*

(d)*għal kull raġuni li tkun bażata fuq diskriminazzjoni ta' liema xorta tkun, teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames sa disa' snin:"*

L-elementi ta' dan ir-reat partikolari jistghu jitqiesu li huma tlieta:

(a) l-imputat irid ikun ufficjal jew impjegat pubbliku jew inkella irid ikun qieghed jagixxi f'kapacita pubblika;
(b) xjentement jinfliggi fuq persuna ugiegh jew tbatija gravi, li tista' tkun kemm fizika kif wkoll mentali;
(c) dan l-agir isir ghal xi wiehed jew aktar mill-iskopijiet indikati fl-istess artikolu.

M'hemmx dubju li l-imputat fiz-zmien li ghalih jirreferu l-akkuzi kien impjegat pubbliku mal-Agenzija Support kif gia rilevat aktar 'l fuq f'din is-sentenza. Irrizulta wkoll li l-abbuzi sehhew waqt il-qadi ta' dmirijietu bhala support worker u fil-konfront ta' pazjenta jew klijenta tac-Centru fejn huwa kien jahdem. Kif hareg mix-xhieda, l-abbuz kien isehh b'ritaljazzjoni ghall-imgieba tal-klijenta li kif gia inghad kellha challenging behaviour u dan fi sforz sabiex il-klijenta tigi ikkastigata ghal dan l-agir jew inkella biex l-istess klijenta tigi imgiehla tikkontrolla l-attitudni taghha.

Kif hareg mill-atti, is-sapuna kienet tiddahhal f'halq il-klijenta biex hija ma tkomplix tghajjat. L-imputat kien wkoll halla lill-klijenta bil-guh bhala kastig. It-tkissir tar-radju kien intiz biex il-klijenta ma tkomplix tisma' l-marci ghax dawn kienu jdejqu lill-imputat. Din il-Qorti m'ghandix dubju li dawn l-azzjonijiet kienu kollha intizi biex jinfliggu fuq il-persuna tbatija fizika u anke mentali. Infatti ghalkemm xi azzjonijiet minnhom infushom ma kinux jinvolvu kuntatt mal-persuna ta' Omissis bhal kaz ta' meta tkisser ir-radju

mill-imputat u anke meta l-imputat kiel l-ikel tal-pazjenta, **l-imputat kien jara li dan isir fil-presenza tal-istess klijenta biex hija tkun konxja ta' dak li qieghed isir u li din kienet azzjoni fil-konfront taghha**. Minn hawn tohrog wkoll l-intenzjoni tal-imputat li huwa jinfliggi tali tbatija fil-konfront ta' din il-pazjenta li kienet fdata f'idejn il-kura tieghu. **Il-Qorti ma tistax ma tikkundannax dan l-agir deplerevoli fil-konfront ta' persuni vulnerabbli u li ghandhom bzonn il-protezzjoni tas-socjeta. Din l-akkuza ghalhekk tirrizulta ppruvata.**

## B. L-Artikoli 257A u 257C tal-Kap. 9

Dawn l-artikoli gew introdotti bl-Att XXXI tal-2014. Dan l-Att kien imfassal fuq il-kapitolu li jittratta *Elder or Dependent Adult Abuse fil-Californian Penal Code*. Dan l-istitut kien gie introdott specifikatament biex jipprotegi persuni anzjani u adulti dipendenti.[6]

Dawn l-artikoli huma alternattivi ghal xulxin. L-artikolu 257A jistabilixxi li:

> *"Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuq il-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li xi persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk*

[6] Ara sentenza fl-ismijiet ll-Pulizija vs Dragana Mijalkovic, deciza fit-tnejn (2) ta' April 2019 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

*il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu, tkun ħatja ta' reat u, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, teħel il-piena ta' priġunerija minn sentejn sa ħames snin."*

Min-naha l-ohra l-artikolu 257C jghid li:

*"Persuna li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li persuna hi anzjana jew adult dipendenti u li, taħt ċirkostanzi jew kondizzjonijiet, ħlief dawk li x'aktarx jikkawżaw offiża gravi fuqil-persuna jew mewt, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li persuna anzjana adult dipendenti jsofru, jew iġġib fuq dawk il-persuni uġigħ fiżiku jew tbatija mentali mhux ġustifikabbli jew waqt li jkollha l-kura u l-kustodja tal-persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom ħsara, jew xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna anzjana jew l-adult dipendenti jitqiegħdu f'sitwazzjoni li l-persuna jew is-saħħa tagħhom tkun fil-periklu, tkun ħatja ta' reat u, mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra li jista' jkun*

*hemm għar-reat taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, teħel il-piena ta' priġunerija minn sena sa tliet snin."*

Ir-reat kontemplat taht dawn iz-zewg artikoli jintrabat ma' **<u>persuna li hija anzjana jew adult dipendenti</u>**. Mix-xhieda moghtija minn Dr Jean Pierre Giorgio hareg car li Omissis hija adult dipendenti. Infatti Dr Giorgio spjega li: *"Din il-persuna [b'riferenza ghal Omissis] hija persuna b'disabilita intelletwali severa,* ***<u>hija dipendenti hafna fuq carers taghha ghal bzonnijiet ta' kuljum</u>****, verbalment tista' forsi tghid xi kelma 'l hemm u 'l hawn pero difficli tikkomunika maghha u minhabba dawn l-affarijiet hija assocjata ma mumenti ta' challenging behaviour minhabba frustrazzoni u dwejjaq."*[7]

Iz-zewg artikoli fl-ahhar forma taghhom jaghmlu riferenza ghall-kuncett ta' kura li wiehed jista' jkollu ta' persuna anzjana jew adult dipendenti: *"Persuna ……..waqt li jkollha l-kura u l-kustodja ta' persuna anzjana jew adult dipendenti, xjentement iġġiegħel jew tippermetti li l-persuna jew is-saħħa tal-persuna anzjana jew adult dipendenti ssirilhom hsara"*. Pero' filwaqt li l-artikolu 257A jitkellem fuq cirkostanzi jew kundizzjonijiet li minnhom infushom jistghu x'aktarx jikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt, l-artikolu 257C jitkellem fuq cirkostanzi u kundizzjonijiet li x'aktarx ma jikkawzawx offiza gravi fuq il-persuna jew il-mewt. Infatti dawn huwa wkoll rifless fil-piena li hija stabbilita ghal dawn ir-reati. L-artikolu 257A jattira piena aktar severa mill-artikolu 257C.

[7] Fol. 57 tax-xheida.

Rigward l-artikolu 257A, il-Qorti tqis li l-azzjonijiet ta' sofferenza fizika u mentali li hargu mill-atti u n-nuqqas ta' kura adegwata – ghalkemm assolutament deplerevoli – ma kinux tali li setghu b'xi mod ikkawzaw offiza gravi fuq il-persuna ta' Omissis jew il-mewt taghha. Ghalkemm saret referenza li f'incident minnhom Omissis kellha bzonn xi punti wara li qasmet rasha in segwitu ghall-imbuttatura da parti tal-imputat, ma ttellghet l-ebda prova li tindika x'tip ta' griehi kienet soffriet Omissis f'dik l-okkazzjoni. Il-Qorti ghalhekk temmen li fic-cirkostanzi ma tistax issib htija taht l-artikolu 257A.

Mhux l-istess pero' jinghad ghall-artikolu 257C tal-Kap. 9. Kif gia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti m'ghandix dubju li l-incidenti li ghalihom ghamlu riferenza x-xhieda Omissisu Omissisverament sehhew u twettqu mill-imputat. Tali azzjonijiet kienu intizi sabiex Omissis issofri kemm fizikament u anke mentalment u dawn l-azzjonijiet assolutament ma kinux gustifikabbli.

L-imputat fil-kaz odjern kien marbut bid-*duty of care* li jaghmel riferenza ghalih dan l-artikolu; dan *id-duty of care* kien intimament marbut mal-fatt li huwa kien gie impjegat bhala support worker ma' dawn in-nies vulnerabbli u mhux ghax assumieh hu volontarjament ghax spicca f'xi cirkostanza partkolari. Ir-rwol tieghu fic-Centru ta' Hal Far kien necessarjament jimplika li huwa jezercita dan id-*duty of care* fil-konfront tal-persuni li jigu assenjati lilu. Kif hareg mill-atti u gia indikat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, huwa car li dan id-*duty of*

*care* l-imputat ma onorahx u l-atteggjament tieghu kien fl-ahhar mill-ahhar intiz biex jarreka hsara lil Omissis. Omissis fl-ahhar mill-ahhar kienet dipendenti fuq l-imputat bhala wiehed mill-carers taghha. L-imputat mhux talli ma onorax dan l-obbligu tieghu izda talli bl-azzjonijiet u l-atteggjament tieghu gieghel lil Omissis tbati bla bzonn. Dan l-atteggjament – ghalkemm serju u kundanabbli – ma kienx tali li seta' ikkaguna offiza gravi fuq il-persuna ta' Omissis jew inkella ikkaguna l-mewt taghha. Ghalhekk din il-Qorti sejra issib htija fl-artikolu 257C u mhux taht l-artikolu 257A.

**C. Ir-Ricediva (Artikolu 49 u 50 tal-Kap. 9)**

L-akkuza dwar ir-ricediva wkoll tirrizulta li hija ppruvata stante li mill-vera kopja tas-sentenza li giet prezentata jirrizulta li l-konnotati ta' Omissis indikat fis-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr Anthony Vella huma identici ghall-konnotati ta' Omissis fil-kawza odjerna u ghalhekk m'hemm l-ebda dubju li s-sentenza tas-sittax (16) ta' Frar 2011 qieghda tirreferi ghall-imputat fil-kawza ojderna.

- **<u>Kunsiderazzjoni dwar il-piena</u>**

Il-Qorti kkunsidrat jekk l-imputat ghandux jinghata ordni ta' probation flimkien ma' sanzjoni bbazata fil-komunita, cioe *combination order* fit-termini tal-artikolu tmintax (18) tal-Kap. 446.
Ghal dan il-ghan il-Qorti rat jekk l-imputat hux kandidat idonju ghal Servizz fil-Komunita'. Dwar dan xehed il-Probation Officer Dorian

Cornelius fis-seduta tallum fejn ipprezenta rapport li jindika li l-imputat hu kandidat idonju ghal Servizz fil-Komunita'.

Veru li l-Att dwar il-Probation jikkontempla biss li jistghu jinghataw ordnijiet taht dan l-Att ghal reati li l-piena ta' prigunerija taghhom ma tkunx ta' aktar minn seba' snin. F'dan il-każ il-massimu tal-piena huwa ta' disgha snin u ghalhekk l-applikazzjoni tal-Kap. 446 ghandha tigi eskluza.

Jekk ic-cirkustanzi jkunu tali li jimmeritaw l-applikazzjoni tal-Att dwar il-Probation, il-Qorti tista' taghmel ordni taht dan l-Att anke jekk it-terminu ta' prigunerija jkun jaqbez it-terminu ta' seba' snin purche tali terminu ta' prigunerija ma jkunx aktar minn ghaxar (10) snin. Dan johrog bl-aktar mod car mill-proviso tal-artikolu 7(2):

> **"Izda meta fil-fehma tal-qorti jkunu jeżistu ċirkostanzi, li għandhom jiġu dikjarati b'mod ċar fl-ordni, li jkunu jimmeritaw li l-ħati jitqiegħed taħt ordni ta' probation fil-każ ta' reat li, minbarra xi żjieda fil-piena minħabba fit-tkomplija tar-reat jew xi dikjarazzjoni ta' ħtija preċedenti, jkun punibbli bi priġunerija għal żmien li jeċċedi seba' snin iżda mhux għaxar snin, il-qorti tista' tagħmel ordni ta' probation."** (Enfazi tal-Qorti)

Il-fatt li l-piena hija aktar minn seba' snin m'ghandux b'mod awtomatiku jeskludi l-applikazzjoni tal-Kap. 466. Din il-prassi gia giet segwita minn Qrati ohra u minn din il-Qorti fil-kazwa fl-ismijiet

il-**Pulizija vs Sufin Abdulsalam Ali Atomi** deciza fil-25 ta' Marzu 2019[8] u ma tarax ghalfejn m'ghandiex terga' taghmel l-istess f'dan il-kaz. Issir riferenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Doriette Cuschieri) vs Noel Bonello** (Kumpilazzjoni Numru 293/2017)[9] fejn il-Qorti ghamlet dawn il-kunsiderazzjonijiet u waslet sabiex timponi ordni ta' probation minkejja li l-piena kien teccedi s-seba' snin prigunerija:

*"Illi dwar il-piena, il-Qorti tinnota li l-ewwel imputazzjoni ggorr maghha piena sa massimu ta' disa' snin prigunerija. Illi jekk wiehed jara l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputat jekk wiehed jigi biex jikkunsidra piena din certament se taqbez is-sentejn prigunerija u ghalhekk il-Qorti ma tistghax timponi sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali.*

*Illi l-Qorti hija konxja wkoll illi biex tpoggi lill-imputat taht ordni ta' probation il-piena ghar-reat li tieghu l-imputat se jinsab hati ma tridx tkun iktar minn seba' (7) snin prigunerija. Illi l-Qorti semghet kif l-imputat huwa afflitt bil-problema tal-loghob tal-azzard u l-flus li huwa rcieva mertu ta' din il-kawza uzahom kollha biex jissodisfa l-vizzju tieghu. Il-Qorti semghet ukoll li l-*

8 Il-Qorti fic-cirkostanzi paritkolari ta' dan il-kaz taghmel taghha l-konkluzjonijiet tal-Probation Officer u temmen li minkejja li l-piena karcerarja ghar-reati li taghhom l-imputat sejjer jinstab hati jaqbzu s-seba' snin prigunerija, xorta l-istess cirkostanzi jimmillitaw favur li jkun hemm ordni ta' probation u servizz fil-komunita. Il-Qorti hi tal-fehma li fic-cirkostanzoi ta' dan il-kaz m'huwa sejjer jkun hemm l-ebda beneficcju jekk tinghata sentenza effettiva ta' prigunerija. Anzi kif qal il-Probation Officer fil-kaz partikolari sentenza ta' prigunerija tista' tikkawza "disturb psikologiku".
9 Deciza fit-12 ta' Lulju 2017.

*imputat huwa impjegat bhala kennies u li jircievi salarju ta' madwar seba' mitt ewro (€700) fix-xahar.*

*Illi l-imputat iddikjara wkoll illi huwa lest li joqghod ghal kwalunkwe direttiva li tista' taghtih din il-Qorti sabiex jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-loghob, filwaqt li jaghraf li jrid jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel lill-vittma Josette Abela.*

*Illi l-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gravita` tar-reati mwettqa mill-imputat u talpieni li jgorru maghhom, hija tal-fehma illi minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fost ohrajn:*

*1. L-imputat huwa afflitt minn problema serja ta' loghob;*
*2. L-imputat ghandu impjieg u jekk jintbaghat il-habs jitlef tali impjieg bil-konsegwenza li l-vittma tista' ma tigi qatt ikkumpensata;*
*3. Illi l-imputat ghandu bzonn direzzjoni u gwida minn persuni professjonali biex jeghleb il-problema tal-loghob;*
*4. Illi l-imputat ghandu fedina prattikament netta;*

*huwa ghandu jibbenefika mill-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jinghata cans idawwar ir-rotta ta' hajtu u dan billi jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-probation u kif ukoll jinghata Ordni ta' Trattament. Naturalment l-imputat irid ukoll jaghmel tajjeb ghall-hsara kkawzata bl-agir tieghu."*

Il-Qorti qieghda tasal ghal din il-konkluzjoni jigifieri li timponi *combination order* fit-termini tal-artikolu tmintax (18) tal-Kap. 446.wara li ghamlet is-segwenti kunsiderazzjonijiet:

(1) Il-fedina tal-imputat hija wahda kwazi netta hlief ghal kaz deciz Magistrat Dr Anthony Vella fis-sittax (16) ta' Frar 2011 fejn minn dakinhar sal-kaz tallum qatt ma xellef difrejh mal-gustizzja. Ma jidhrix wkoll li kellu xi kaz iehor fil-Qorti fiz-zmien li damu ghaddejjin dawn il-proceduri;

(2) Ma jirrizultax li l-imputat ghandu xi vizzji jew problemi ohra;

(3) Qieghed f'impjieg stabbli;

(4) Il-kaz li ghalih qieghed jinstab hati llum huwa serju hafna u ghalhekk se jkun rifless fis-sieghat li se jkollu jaghmel bhala xoghol fil-komunita'. Il-Probation ghandha tghinu jifhem ahjar u jara kif irid igib ruhu ma' persuni vurnerabbli, liema hidma hi ta' sfida kbira, impenn u mhabba u mhux biss semplici impjieg bhal l-ohrajn;

(5) Aktar milli deterrent, il-piena ghandu tkun mezz riformattiv biex wiehed jaghraf l-izbalji tieghu u ma jergax jirrepeti l-agir tieghu. Il-Qorti tqis li fil-kaz in ezami japplika r-ragunament li adottat il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Stephen Spiteri</u>** moghtija fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru 2003 fejn hija ikkummentat li:

*"Konsiderata l-piena bhala mezz ta' riforma tal-imputat fl-interess tieghu u tas-socjeta', izjed u izjed din il-piena karcerarja tidher inadatta. Infatti, permezz taghha, tifel ta' kondotta sa issa tajba, u li diga', bil-fatti, wera' soghba tar-reat li ghamel, ser jinxtehet ghal soggorn ma' nies li fil-maggjoranza taghhom huma delinkwenti recidivi multipli. B'hekk minflok jigi riformat, hemm il-possibilta' illi huwa jiehu lezzjonijiet fid-delinkwenza ... tara illi huwa opportun illi inehhi l-impressjoni illi l-iskop tal-ligi kriminali u tal-piena huwa biss illi jkun ta' deterrent biex jghallem lil dak li jkun illi 'crime does not pay'. Huwa certament kuncett illi ghamel zmien u kien il-kuncett predominanti, pero llum il-kuncett m'huwiex aktar ta' piena retributtiva, imma ta' sistema restorattiva, fejn anke jekk hu possibbli u safejn hu possibbli, u tenut kont anki tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, kif ukoll tal-precedenti kriminali tal-imputat, isir tentattiv biex mhux biss issir rikonciljazzjoni bejn l-agent tad-delitt u l-vittma li tkun sofriet danni u anke sofferenzi ohrajn, imma anki illi jkun hemm possibilita' illi dak li jkun jigi nformat u jikkonvinci ruhu illi ghandu jsegwi t-triq it-tajba."*

**<u>DECIDE</u>**

Ghaldaqstant ghal dawn il-motivi:

(a) din il-Qorti mhux qieghda issib lill-imputat hati tat-tieni (2) imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u qieghda ghalhekk tilliberah minnha;

(b) u wara li rat l-artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 139A u 257C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti qeghda issib lill-imputat hati tal-ewwel (1) u t-tielet (3) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu kif wkoll qieghda issib lill-imputat hati li huwa ricediv.

B'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti qieghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation u servizz a tenur tal-artikolu 18 tal-Kap. 446 (liema artikolu jaghmel riferenza diretta ghall-artikoli 7 u 11 tal-istess Kap. 446) ghal perjodu ta' tliet (3) snin millum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qieghda ukoll bl-applikazzjoni tal-artikolu 11 tal-Kap 446 tqieghed lil Omissis taht Ordni ta' Servizz fil-Komunita` billi jaghmel xoghol bla hlas ta' erba' mija u ghoxrin (420) siegha f'dak il-post u skont l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) u 11(4) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din

is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation u ta' Servizz tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex ikun jista' jassenja ufficjal li jkun responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skond id-direttivi tal-istess ordnijiet.

Rigward l-ispejjez li gew inkorsi f'dawn il-proceduri, din il-Qorti ma tistax tghaddi biex tikkundanna lill-imputat sabiex ihallas tali spejjez stante li dan l-artikolu ma giex indikat bhala wiehed mill-artikoli fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju mahruga mill-Avukat Generali.

Il-Qorti tordna wkoll divjet fuq il-pubblikazzjoni tal-isem tal-imputat, tal-vittma u tax-xhieda li xehdu f'dawn il-proceduri u dan sabiex tigi protetta l-identita tal-vittma.

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**